# Il-Ħuttafa

Numru **133**

Marzu - April 2016




€2 għal min mhux membru

BirdLife MALTA

**Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf**

Klabb Ħuttaf





Desirée Falzon




# Ħbieb Ħuttaf

Dis-sena r-rebbiegħa ħallietna bix-xewqa! Peress li kellna xitwa kważi bla xita, il-pjanti ma tantx kibru u fjuri ftit fetħu. Imsieken l-insetti li faqqsu jew li ħarġu mill-fosdqa, flok ma sabu kampanja mburġata fjuri u weraq, sabu kważi deżert.




Kull fejn ħriġt fil-kampanja dan l-aħħar, il-ftit pjanti li rajt kellhom il-fjuri ffullati: busuf, naħal, żnażan, friefet, ħanfus, kollha jiddeffsu biex forsi tmisshom qatra nektar. Min jaf kemm insetti ħa jmutu bil-ġuħ dir-rebbiegħa.

Tgħid nistgħu ngħinuhom? Jien naf x'se nagħmel: se niftaħ ristorant għall-insetti!

- **Se niġbor kemm niflaħ żerriegħa tal-bużbież, tal-ferla, tal-karfus il-ħmir, tal-bużbież il-baħar, tal-papoċċi, taċ-ċistu, eċċ. Dawn kollha fjuri maħbubin mill-insetti.**
- **Nixtri koċċ qsari kbar, nimliehom bil-ħamrija u nferrex fihom iż-żerriegħa. Fil-ħarifa nsaqqihom ftit ħalli jibdew jikbru.**
- **Fix-xitwa nsib arbuxxelli bħax-xorbett u bil-galbu nieħu biċċiet minnhom. Inħawwilhom fil-qsari ħalli fir-rebbiegħa jtellgħu l-weraq. Maż-żmien jagħmlu wkoll il-fjuri.**
- **Nifrex il-qsari barra madwar id-dar: fil-ġardina, fuq il-bejt, fit-taraġ tal-bejt, fil-ħoġor tat-twieqi, anke fuq l-għatba ta' barra!**
- **Kif jiftħu l-fjuri jiftaħ ir-ristorant għall-insetti. Bla ħlas, s'intendi.**

Titħajru tiftħu ristorant bħal tiegħi?

Victor

**Victor Falzon** L-Editur

Victor Falzon




**Żunżana tax-Xehda** mehdija tixrob minn fjura tal-ferla. Kemm ikun aħjar kieku flok noqogħdu nitwerwru minnha, nieqfu ftit u napprezzaw kemm hi sabiħa. X'magna perfetta tan-natura!

# Kontenut

Editorjal 2
Aħbarijiet 3
Il-bur salmastru 4-5
Attività 6
X'ġara x'waħdadin? 6
Xalata fuq lelluxa 7
Id-deforestazzjoni 8
In-naħal 9
Il-Magħluq tal-Baħar 10-11
L-Għadira s-Safra 12

# Kumitat

## Ċentrali

Kathleen Mamo (kap) • Desirée Falzon • Victor Falzon

## Falko

Sean Bonello • Nicholas Galea • Timothy Micallef

# Kordinazzjoni

Hannah Chisholm • Sarah Brady

# Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa u attività ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Sħubija fil-klabb hija €10 fis-sena.

# Kuntatt

tel **21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin **il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**

Reg.Vol.Org. VO/0052

© BirdLife Malta, April 2016
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

FUQ QUDDIEM


Ritratt ta' Desirée Falzon

**Farfett tal-Kaboċċi** (Large White *Pieris brassicae*) Dan wieħed mill-iktar friefet komuni ta' Malta. Jismu hekk għax il-weraq tal-kaboċċi huma fost l-ikel favoriti tax-xagħat tiegħu. Diversi friefet jisimhom bil-Malti għall-pjanta li jieklu x-xgħat tagħhom.

# Kuda rari ...

Nhar il-25 ta' Marzu 2016 tfaċċat fix-Xagħra l-Ħamra **kuda rasha bajda** (white-crowned black wheatear). Din l-aħbar ġennet ħafna berdwoċers biex imorru jarawha għax dan l-għasfur rarissmu darba biss kien għadu deher f'pajjiżna... fl-1872. Hekk hu, 144 sena ilu! U sal-għada kienet telqet.



Ian Balzan

# u kuda ġdida!

Il-**kuda** (northern wheatear) għandha diversi razez li xi ftit jew wisq jixxiebħu. Waħda minnhom hija s-**Seebohm's wheatear**, razza li f'Malta s'issa qatt ma kienet dehret. Nhar il-31 ta' Marzu 2016 il-ħabib tagħna Aron Tanti lemaħ kuda propju ta' din ir-razza. U kellu l-kamera...




Aron Tanti

Aron Tanti

# Ġiet il-ġerrejja !!



Aron Tanti

Ftit ġimgħat ilu kien hemm **nankina** (cream-coloured courser) tiġġerra fl-ajruport. Mhux għax tilfet l-ajruplan imma għax hija għasfur tal-beraħ, ta' art ċatta bi ftit ħaxix, kważi deżert. Għalhekk meta kultant titfaċċa nankina f'Malta, post bħall-ajruport issibu komdu. Qalb dak il-ħaxix baxx mal-ġenb tar-ranwej, din in-nankina għamlet diversi ġranet tiġri u tħuf wara l-insetti fuq dawk is-saqajn ħfief, qisha r-Roadrunner. Minħabba li n-nankina mhijiex komuni f'pajjiżna, ħafna berdwoċers marru jfittxuha ħalli jitpaxxew b'dan l-għasfur tant eleganti.



Victor Falzon



Aron Tanti

L-**agrett abjad** juża s-saqajn twal li għandu biex jimxi fl-ilma tal-bur bla ma jixxarrab. Narawh fil-pases, u jaf idum ġimgħa jew iktar jistrieħ u jistad għall-ħut fil-bur qabel ma jkompli l-vjaġġ.



Victor Falzon

Kultant jitfaċċa Malta xi **fjamingu** u l-ewwel ma jfittex huwa post fejn jinżel jistrieħ. L-ambjent li jfittex huwa ilma salmastru baxx fejn joqgħod jistad għall-gambli. Għalhekk ġieli jinżel fis-Salina jew l-Għadira.

Għalkemm żgħar (xi 2ċm) l-**amfipodi** jagħmlu xogħol siewi ħafna fl-ilma għax jieklu fdalijiet ta' annimali u pjanti u b'hekk iżommu l-ilma nadif. Huma wkoll ikel għal ħafna għasafar tax-xtut.








Victor Falzon

Il-**bruka** waħda mill-ftit pjanti li kapaċi jgħixu fis-salmastru. Minħabba li l-melħ huwa ħażin għas-siġar il-bruka tagħmel ħafna [1]traspirazzjoni biex tneħħi l-melħ mill-weraq.



Alex Casha

Ir-**ruppja** hija pjanta rarissma f'Malta. Tikber fil-bwar salmastri mgħarrqa fl-ilma kemm kemm taħt il-wiċċ. Għalkemm tikber fl-ilma mhijiex alga, u tagħmel il-fjuri u ż-żerriegħa.



Aron Tanti

Il-**blonġun żgħir** ipassi lejn pajjiżna fil-ħarifa u jgħaddi x-xitwa magħna. Ifittex ambjent fejn isib ħut u kenn, għalhekk il-bwar tal-Għadira u s-Simar (fejn anke jbejjet) huma perfetti għalih.

[1]**Traspirazzjoni.** Waqt il-fotosintesi l-pjanti jneħħu l-ilma minn pori fil-weraq.

Ambjenti u Residenti

# Bur Salmastru

Desirée Falzon


Aron Tanti

Bur bil-qasab huwa ambjent perfett għall-**gallozz iswed**. Huwa mgerrex u malajr jidħol jiġri jistaħba fil-qasab. Jiekol pjanti, dud, gambli, insetti u anke bużaqq. Ibejjet Is-Simar u l-Għadira.


Victor Falzon

Il-**qasbet ir-riħ** kapaċi tgħix f'ilma li jkun ftit salmastru. Fiha jistkennu diversi annimali, u jbejtu fiha għasafar bħall-bufula tal-qasab. Fis-Simar hemm roqgħa kbira ta' qasbet ir-riħ.

Il-bur salmastru huwa ħabitat rari ħafna f'pajjiżna għax biex jifforma jrid jitħallat ilma ħelu ma' ilma baħar. Dan jiġri f'widien li fihom jinġabar l-ilma xita fejn jiżbukkaw fil-baħar, f'art li tkun iktar baxxa mill-livell tal-baħar. Hawnhekk l-ilma tal-wied jitħallat mal-ilma baħar u jsir salmastru. L-uniċi postijiet f'Malta fejn għadek issib dawn l-elementi flimkien huma fir-riservi tal-**Għadira** (ritratt) u tas-Simar, fil-Magħluq tal-Baħar, fis-Salina u fil-Ballut ta' Marsaxlokk. L-imluħa fil-bur salmastru tvarja minn staġun għal ieħor: fix-xitwa jkun iktar ħelu minħabba x-xita imma fis-sajf jevapora ħafna ilma u l-ilma jsir iktar mielaħ. Għalhekk il-flora u l-fawna tal-bwar salmastri jridu jkunu kapaċi jgħixu f'ambjent li dejjem jinbidel. Dawn l-annimali u pjanti speċjali jgħixu jew fl-ilma jew fi truf ix-xatt, u jkunu adattati skont f'liema ħabitat jgħixu.


Denis Cachia

Il-**monakella** tbejjet l-Għadira għaliex hemm issib l-ambjent u l-ikel li għandha bżonn. Toqgħod max-xatt fejn tnaqqi dud u insetti mir-ramel.

Il-**bużaqq** l-unika ħuta Maltija li tgħix fil-bwar salmastri. Hija rari u l-ikbar numri qegħdin fir-riservi tal-Għadira u s-Simar. Tikber sa xi 8ċm imma tbid mijiet ta' bajd.


Victor Falzon

Fuq il-Magħluq tal-Baħar hemm iktar f'paġni 10-11.



# Imxejnieha...




BirdLife Malta

Il-**Mixja għan-Natura** tat-**13 ta' Marzu 2016** saret u marret tajjeb. It-temp ħabat se jinki ftit u anke kellna xi ħalba żgħira xita imma mbagħad iċċara u kulħadd mexa u wasal qawwi, sħiħ u niexef! Tlaqna minn ħdejn l-Istazzjoni il-Qadim ta' taħt l-Imdina, ġbidna lejn id-Dwejra u Binġemma, għaddejna miż-Żebbiegħ, ksirna lejn San Martin, inżilna lejn il-Wied tal-Pwales u spiċċajna fil-Bajja tax-Xemxija, b'kollox 10km kemm kemm skorruti. Ħdejn Is-Simar kien hemm xi kraft u tpinġija, imbagħad tqassmu r-rigali lil min ġabar xi flus. Fl-aħħar kulħadd rikeb it-trasport lura lejn ir-Rabat.

Flus b'kollox inġabru **€450**, li se jintnefqu biex nagħmlu iktar bird tables. Dawn il-bird tables qegħdin ftit ftit inqassmuhom fl-iskejjel kollha ta' Malta u Għawdex ħalli iktar għasafar iżuru l-ġonna tal-iskejjel u ħalli iktar studenti jgawduhom.

Grazzi kbira li dawk li ġew jimxu u ġabru xi flus, u grazzi wkoll lil-Leaders għall-għajnuna imprezzabbli tagħhom.




Desirée Falzon

# X'ġara x'waħdadin?



Victor Falzon



Victor Falzon

L-**erika** (Mediterranean heath) hija arbuxxell sabiħ li fix-xitwa jimtela bukketti ta' fjuri żgħar qishom qniepen roża, kif jidher fir-ritratt tax-xellug. Ftit ġimgħat ilu sibt din ir-roqgħa erika bl-uċuħ kollha kannella. **X'taħsbu li ġara?**

- ☐ Ħaraqhom xi ħadd.
- ☐ Mietu bl-għatx għax kellna xitwa niexfa.
- ☐ Attakkahom dudu li jgerrem l-għeruq u joqtol il-pjanti.
- ☐ Bexxhom nassab u qatilhom ħalli jarma mansab flokhom.
- ☐ Normali li l-fjuri jsiru kannella meta jinxfu.

Tweġiba f'paġna 8

# Xalata fuq Lelluxa

Minħabba li ftit għamlet xita dix-xitwa, kiber ħafna inqas lellux mis-soltu. Għalhekk qed niddedikaw dil-paġna lil din il-ġmiel ta' fjura u lil disgħa mill-ħafna klijenti lelluxin!


busuf
Aron Tanti


dubbiena tal-frott
Victor Falzon


seffud
Victor Falzon


ħadranija tal-ward
Desirée Falzon


dubbiena
Aron Tanti


dliela safra
Victor Falzon


dubbiena dakar
Desirée Falzon


seffud
Desirée Falzon



brimba mħattba
Victor Falzon

Barra dawn jeżistu ħafna speċi oħrajn ta' dubbien, ħanfus u sfiefed li jżuru l-fjuri tal-lellux. Il-brimba mħattba hija predatur li l-kulur tagħha jgħinha tistaħba fil-fjuri, fejn tistenna l-insetti jinżlu...



Sean Bonello

# Deforestazzjoni

Probabbli smajtu bil-kelma *deforestazzjoni* u tafu wkoll xi tfisser. Deforestazzjoni hija l-proċess li fih il-bniedem jibdel masġar f'art mingħajr siġar. Is-siġar jinqatgħu għal skopijiet differenti, pereżempju biex jagħmlu spazju biex tinbena l-art, jew jifthu spazju għall-agrikultura. Hu meqjus li **qegħdin jinqerdu madwar miljun ettaru ta' foresti kull sena**.




## X'impatti qed ikollha?

L-impatti tad-deforestazzjoni huma kbar u negattivi.

### L-ilma

L-ilma naturali ma jinstabx biss f'ibħra u xmajjar, imma wkoll taħt l-art. Ħafna minn dan l-ilma ta' taħt l-art jittella' mill-għeruq tas-siġar, li b'mod naturali mbagħad jerħuh fl-arja. Dan il-proċess jgħin biex id-dinja jkollha atmosfera kkontrollata u umda kif suppost. Barra minn hekk, dan il-proċess inaqqas iċ-ċans li l-art tinfaqa' bl-ilma u tikkawża [1]għargħar. Id-deforestazzjoni qed twassal għal atmosfera iżjed niexfa u żżid iċ-ċans ta' għargħar.

### il-ħamrija

Il-ħamrija hija waħda mill-iktar elementi importanti fin-natura. Minnha jiddependu tant u tant speċi ta' siġar u pjanti, miljuni ta' annimali, fosthom insetti, għasafar u anke l-bniedem. Wieħed mill-effetti tad-deforestazzjoni hu li ħafna ħamrija tispiċċa titkaxkar barra minn lokha u tintilef ħafna drabi fil-baħar. Dan qed ikollu impatt negattiv fuq in-natura.




### il-bijodiversità

Id-deforestazzjoni naqqset ħafna l-[2]bijodiversità tal-foresti u l-imsaġar. Dan wassal biex eluf ta' speċi, minn insetti sa annimali kbar bħall-orangutan, kif ukoll siġar u fjuri ġew [3]estinti jew qegħdin f'riskju kbir ta' estinzjoni.

## X'nistgħu nagħmlu?



### Inqajmu kuxjenza

Inqajmu kuxjenza fuq il-kwistjoni. Infiehmu lill-ħbieb u l-familja dwar id-deforestazzjoni u l-effett tagħha fuq l-ambjent.



### Nużaw ir-riżorsi bil-galbu

Nagħmlu użu responsabbli tar-riżorsi bħal injam, karti u anke plastik, billi nużaw u nerġgħu nużaw flok narmu l-affarijiet mill-ewwel, innaqqsu l-ħela bla bżonn, innaqqsu x-xiri ta' affarijiet *disposable*, u ngħinu fir-riċiklar tal-materjali. B'hekk innaqqsu l-bżonn li jinqatgħu iktar siġar min-natura.



### Nużaw injam sostenibbli

Ma nixtrux għamara u għodda magħmulin minn injam li ġej minn foresti tropikali (eż. kewba, iroko, teak) għax dawn mhux qed jitħawlu siġar flokhom. Nużaw injam minn imsaġar sostenibbli, fosthom tal-abjad, tal-aħmar u ballut.



### Inħawlu siġra

U s'intendi b'kull siġra li nħawlu nkunu qed inpattu għal siġar oħrajn li nqatgħu.

**Jekk hemm xi suġġett ambjentali li tkunu tixtiquna niktbu dwaru f'din ir-rokna, ibagħtulna imejl fuq il-huttafa@birdlifemalta.org**

[1]**għargħar.** Meta l-art tinfaqa' bl-ilma wara ħafna xita, tfur xmara, eċċ. (*flooding*)
[2]**bijodiversità.** Il-varjetà ta' ħajja
[3]**estinzjoni.** Meta annimal jew pjanta jinqerdu għal kollox minn post jew mid-dinja



Tweġiba għall-mistoqsija ta' paġna 6: Hija ħaġa normali li l-fjuri tal-erika jsiru kannella meta jinxfu.




Victor Falzon

# in-Naħal

Desirée Falzon

Qatt tajt kaz li n-naħal li tara mal-fjuri mhux kollha l-istess? Jew forsi kont qed tibża' wisq biex tersaq viċin? Fil-fatt jekk ma tagħmilx mossi f'salt tista' tosserva n-naħal mill-qrib bla periklu ta' xejn. Għandna ħafna tipi ta' naħal u jgħixu differenti imma kollha jieklu l-polin u n-nektar tal-fjuri.

Il-fjuri għandhom kuluri **ultravjola** li aħna ma narawx imma n-naħal jarawhom. Jużaw dawn il-kuluri bħala gwida biex isibu n-nektar. Il-fjuri żviluppaw dal-kuluri apposta għan-naħal għax għandhom bżonnhom biex imexxu l-polin minn fjura għal oħra ħalli ssir iż-żerriegħa.



L-iktar naħla familjari hija n-**naħla tal-għasel**, dik li tgħix f'komunità. Dawn jibnu xehda minn xama' li jipproduċi ġisimhom, u jagħmlu l-għasel biex jitimgħu liż-żgħar. Ix-xehda tkun magħmula minn ħafna tubi forma ta' ħeksagon waħda ħdejn l-oħra. F'ħafna minnhom ir-reġina tbid bajda, f'oħrajn jaħżnu l-għasel.



Victor Falzon

Parti minn xehda tan-naħla tal-għasel mibnija fis-selvaġġ

**Xi naħal iqatta' dwawar mill-weraq u jinforra t-toqba tal-bejta bihom!**



Victor Falzon

Werqa minn siġra ta' Ġuda

Ħafna naħal huwa **solitarju**, jiġifieri jgħix waħdu. Jagħmlu bejta f'toqba li jsibu jew li jħaffru huma stess. In-naħla tbid fit-toqba u tħalli l-ikel għaż-żgħar meta jfaqqsu. Imbagħad tkaħħal id-daħla ħalli ħadd ma jsibilha l-bajd.

**Naħla tal-granfi**



Desirée Falzon

**Naħla tat-toqob**



Victor Falzon

## Kif nista' ngħin lin-naħal?

- [ ] Taqtax fjuri. In-naħal minnhom jiekol u minnhom jagħmel l-għasel biex jitma' ż-żgħar.



- [ ] Tibżax min-naħal. Jekk ma tbeżżagħhomx ma jagħtux kasek. Osservahom u għallem lil ħaddieħor kif iġib ruħu magħhom.



- [ ] Agħmel djar għan-naħal solitarju: aqbad injama jew biċċa ħajt fil-ġnien u taqqabha b'ħofor żgħar ta' daqsijiet differenti. Gawdi n-naħal iżurhom.



- [ ] Iftaħ ristorant għan-naħal (ara p. 2)!

Tpinġija Victor Falzon





Victor Falzon

Natura 2000
Natura mħarsa

Elisabeth Conrad

# Il-Magħluq tal-Baħar

**Kif jafu dawk li żaru l-bajja ta' Marsaskala, dan mhuwiex xi post remot fejn ma tantx tara nies – anzi, dan post ferm popolari ma' ħafna Maltin u turisti. Għalhekk forsi ftit nimmaġinaw li hawnhekk se nsibu Sit Natura 2000, imma hekk hu!**

## Dari kien ikbar

Is-Sit Natura 2000 huwa magħruf bħala l-Magħluq tal-Baħar, kanal ta' ilma li qiegħed f'tarf il-Wied ta' Sant' Antnin. Kif inhu ovvju meta taraw dan il-post, dan il-kanal ta' ilma ma ffurmax b'mod naturali. Dak li llum jidher li hu kanal wieħed darba kien żewġ għadajjar. Dawn kienu tħaffru fi żmien il-Kavallieri biex jintużaw għal skopijiet ta' [1]akwakultura.

Illum-il ġurnata l-ilma li nsibu f'dan il-kanal jiġi mix-xita, mill-għelieqi tal-viċin, jew jidħol mill-baħar. Għalkemm hemm triq li tifred il-kanal mill-baħar, taħt it-triq hemm żewġ katusi li jħallu l-ilma jgħaddi bejn il-baħar u l-Magħluq.

Fil-passat dan il-bur salmastru kien żgur mifrux fuq medda art ħafna ikbar u x'aktarx li fl-inħawi kien hawn ukoll l-ambjent tal-għaram tar-ramel. Sfortunatament illum ma fadal xejn wisq minn dan, ħlief dan il-kanal żgħir ta' ilma.

### Fejn hu?

Il-Magħluq tal-Baħar qiegħed fil-qalba ta' Marsaskala.

## Ambjent rari

Forsi qed tgħidu: "U allura? Għalfejn huwa importanti dan il-kanal żgħir ta' ilma, kważi mitluf qalb il-bini?" Ir-raġuni hija sempliċi: għaliex dan huma wieħed mill-ftit ambjenti [2]salmastri li għad għandna fil-Gżejjer Maltin.

Victor Falzon











Mal-ġnub dojoq ta' dal-kanal ta' ilma nsibu ambjent ta' [3]bur salmastru, bi pjanti speċjalizzati ħafna li jifilħu livelli għoljin ta' melħ u li ma jistgħux jgħixu f'ambjenti oħra. Fost l-iktar importanti nsibu s-**simar tal-baħar**, speċi rari li qiegħda fil-periklu li tinqered mill-Gżejjer Maltin. Insibu wkoll pjanti oħra tal-ambjenti salmastri, bħall-**ħaxixa tal-irmied xewwikija**, l-**almeridja**, u s-**swejda tal-baħar**.

## Dar għall-bużaqq?

Ma nistgħux nitkellmu fuq il-Magħluq mingħajr ma nsemmu l-**bużaqq**, ħuta li, bħall-pjanti li semmejna, kapaċi tgħix f'ambjenti salmastri, u li hi l-unika ħuta ta' din it-tip illi tinstab b'mod naturali f'Malta. Din l-ispeċi hija wkoll mhedda u importanti ħafna fil-kuntest Ewropew; il-popolazzjoni li kien hemm fil-passat fil-Magħluq kienet inqerdet, għalhekk fis-Snin Disgħin kienu ntelqu numru ta' bużaqq biex tinbeda popolazzjoni ġdida. Sfortunatament jidher li l-popolazzjoni li tinstab hemm illum ukoll qed tbati, kemm għax hija żgħira imma anke minħabba tniġġis tal-ilma u r-rimi ta' skart.

## Bżonn urġenti ta' kura

Kif naħseb illi faċli tapprezzaw, dan huwa sit li tassew jeħtieġ kura u attenzjoni kbira; l-iżvilupp diġà qered ħafna mill-ambjent naturali li darba kien jinstab fil-bajja ta' Wied il-Għajn. Baqa' biss fdalijiet, hekk imsejħa refuġja, tal-ambjent naturali. Dan il-ftit li fadal irridu nieħdu ħsiebu b'reqqa kbira.

[1]**akwakultura.** Trobbija tal-ħut
[2]**salmastru.** Ilma ħelu mħallat mal-ilma baħar
[1]**bur salmastru.** Ambjent umdu li fih jgħixu speċi li jifilħu għall-imluħa (ara paġni 4-5).


Victor Falzon

Il-**bużaqq** *Aphanius fasciatus* sar rari f'pajjiżna għax ftit baqa' mill-ħabitat li jgħix fih.


Alex Casha

Is-**swejda tal-baħar xewwikija** *Salsola kali* tniggeż ħafna!


Desirée Falzon

L-**almeridja** *Salicornia ramosissima* taħżen l-ilma fil-weraq.

Victor Falzon

# L-Għadira s-Safra
## Ħa tikber jew ħa togħsfor?



L-Għadira s-Safra hija biċċa xatt żgħira matul il-Coast Road ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Ma tidher xejn speċjali imma fil-fatt hija Sit Natura 2000 minħabba xi pjanti rari u endemiċi li jikbru fiha. Dan l-aħħar it-triq inbniet mill-ġdid u tressqet ftit 'il ġewwa, u x-xatt kiber ftit. Għalhekk bi ftit ħsieb u kura l-Għadira s-Safra issa tista' titkabbar b'iktar mid-doppju u l-pjanti rari jkollhom iktar fejn jinfirxu. X'se jiġri tgħid? Min ħa jirbaħ? In-natura? Jew xi tliet gabbani oħra tal-ġelati u l-krips?

